MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2014

Rikors Kongunt Numru. 38/2014

**A B**

**u**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremettew :

Illi ir-rikorrenti kkuntrattaw iz-zwieg taghhom nhar it-30 ta' Jannar tas-sena 1994 fil-Knisja ta' San Bartolomew Tarxien u dan skond ma jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg immarkat bhala **Dok CG1;**

Illi r-rikorrenti mhumiex legalment separati, izda ilhom aktar minn erba' snin ma jirrisjedu flimkien, u dan ai termini ta' l-artikolu 66B tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi bhala prova ta' dan ir-rikorrenti qeghdin jipprezentaw ittra iffirmata minn Dr Dle Cordina u li hija immarkata bhala **Dok CG 2;**

Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli li ssir rikonciljazzjoni bejn il-partijiet rikorrenti;

Illi ma hemm ebda kwistjonijiet pendenti rigwardanti manteniment ta' wliedhom, D B li twieled nhar is-27 ta' Marzu 1994, u J B li twieled nhar it-3 ta' Gunju 1998;

Illi ghalkemm il-partijiet hawn rikorrenti mhumiex legalment separati, huma xorta wahda kienu ghamlu nota ta' ftehim bejniethom, liema nota ghadhom sa llum jirrispettaw. Tali nota qieghda tigi ghal kull bon fini esebita u mmarkata bhala **Dok CG3;**

Talbu sabiex din il-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Marzu, 2014;

Rat l-affidavits bix-xiehda tal-partijiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lir-rikorrenti A B titlob li tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' G u rat illi l-intimat ma opponix;

Rat in-nota tal-partijiet li permezz taghha ipprezentaw id-dokument CG1, illi effettivament juri illi il-partijiet attendew ghall-sessjonijiet ta' medjazzjoni;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom ghal aktar minn erba' snin ma jirrisjedu flimkien u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi il-partijiet ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' it-talba tar-rikorrenti A B u tawtorizzaha tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe' G, tilqa' it-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-

Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------